

MT Hargha Speċjali tal-Gazzetta Uffiċjali ta' ĊPVO bit-tagħrif dwar id-dati ta' għeluq għall-applikazzjonijiet u r-rekwiżiti għallprezentazzjoni ta' materjali tal-pjanti

L-għan tal gazzeta S2 huwa li jipprovi lill-applikanti b'verzjoni konsolidata tad-dati ta' għeluq għall-applikazzjonijiet u r-rekwiżiti ta' preżentazzjoni għal materjal tal-pjanti fid-dawl tal-eżami tekniku tagħhom.

Minn Ottubru 2010, il-hargha ta' S2 qed tiġi ppublikata diġitalment fuq is-sit web tal-Uffiċċju sitt darbiet fis-sena. Kull modifika għal verzjoni ppublikata qabel fl-S2 tidher immarkata.

Għodda ta' tfittxija hija disponibbli b'x tidentifika dawn il-modifiki fuq is-sit elettroniku tal-Uffiċċju.

Sabier ikun eħfef it-tiftix fir-rekords tal-passat, kull hargha ta' S2 ser tkun issejwata bħal dokument .pdf u tibqa' disponibbli għall-konsultazzjoni mill-utenti as-sit elettroniku.

Sal-gazzetta 201601, l-S2 kopra dati ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' materjal tal-qasrija u r-rekwiżiti tas-sottomissjoni ta' speċi li għalihom regolament jimplimentazzjonijiet. Mill-gazzetta 201602 'il quddiem, is-CPVO ddeċieda li jippubblika l-ispeċi kollha fil-gazzetta S2, iżda xi data tista' tiħalla barra. Int millub tikkuntattja l-Uffiċċju jekk l-informazzjoni għall-ispeċi inkwistjoni mhix disponibbli. Jekk jogħġbok ftakar li din hija r-responsabbiltà ta' l-applikant li jiffamiljarizza ruħu biżżejjed mal-aspetti kollha tal-proċedura ta' applikazzjoni li tinkludi d-dettalji fuq il-provvista ta' materjal ta' pjanti għat-tmejxija tal-eżami tekniku. Meta tidħol applikazzjoni, l-applikant għandu jkun f'pożizzjoni li jibgħat materjal tal-pjanti tal-varjetà tiegħu sal-iskadenza u fil-kwalità u l-kwantità preskritti mill-Uffiċċju. Inkella, ikun qed jittieħed ir-riskju li l-applikazzjoni tiġi miċħuda. F'każ ta' mistoqsijiet dwar speċi oħra, ikkuntatja ċ-CPVO fuq cpvo@cpvo.europa.eu.

- 1: Isem ta' l-ispeċi
- 2: Tip ta' kultivazzjoni
- 3: Grupp ta' miżata
- 4: Għadd ta' ċikli ta' tkabbir previst
- 5: Pajjiż
- 6: Uffiċċju ta' l-eżami
- 7: Data tal-għeluq
- 8: Bidu tal-perjodu ta' preżentazzjoni
- 9: Tmien tal-perjodu ta' preżentazzjoni
- 10: Kwantità u kwalità ta' żrieragħ/pjanti

Noti importanti:

— L-applikant huwa mistenni jippreżenta l-materjal tal-pjanti biss wara li jkun irċieva talba bil-miktub miċ-CPVO. Jekk ma jsirx dan ta' hawn fuq, il-proċedura sħiħa tista' tiġi perikolata.

— Applikanti huma mwissija sew li ma jdumux sa l-aħħar ma jibagħtu l-applikazzjonijiet jew il-materjal tal-pjanti.

— L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ddepożitati fi kwalunkwe mument. I ċ-CPVO jipprevedi li jibda l-eżamijiet tekniċi fil-perjodu tat-tkabbir wara d-data ta' skadenza, f'każ li tasal applikazzjoni valida sad-data ta' skadenza.

— Id-data tal-għeluq tiddetermina l-bidu tal-eżami tekniku. Għal applikazzjonijiet li d-data tagħhom ma tkunx aktar tard mid-data tal-għeluq, l-eżami tekniku jibda fil-perjodu ta' tkabbir li jkun jmiss. Jekk id-data tal-għeluq taħbat f'jum li l-Uffiċċju ma jkunx miftuħ, allura, l-ewwel jum li fih l-Uffiċċju jkun miftuħ jiġi d-data tal-għeluq. Għal applikazzjonijiet datati wara d-data tal-għeluq tal-eżami tekniku, l-eżami tekniku jibda fis-sena segwenti.

— Jekk il-materjal tal-pjanti jiġi ppreżentat wara d-data ta' preżentazzjoni stabbilita, l-applikazzjoni tista' tiġi rifjutata skond l-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994.

— Jekk jiskadi limitu ta' żmien f'ġurnata meta ċ-CPVO ma jkunx jopera għar-riċeviment ta' dokumenti, il-limitu ta' żmien għandu jiġi estiż sa l-ewwel ġurnata wara din, meta ċ-CPVO jkun miftuħ għall-wasla ta' dokumenti u meta posta ġenerali tkun taslihom, skont l-Artikolu 71 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea Nru 874/2009 tal-17/09/2009.

— Jekk jiskadi limitu ta' żmien f'ġurnata meta l-uffiċċju ta' l-eżami ma jkunx jopera għar-riċeviment ta' materjal tal-pjanti, il-limitu ta' żmien għandu jiġi estiż sa l-ewwel ġurnata wara din, meta l-uffiċċju ta' l-eżami jkun miftuħ għall-wasla ta' materjal tal-pjanti skont l-Artikolu 71 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni Ewropea Nru 874/2009 tal-17/09/2009.

— Kwalunkwe rekwiżiti fitosanitari jimbagħtu lill-applikant flimkien mat-talba tal-preżentazzjoni tal-materjal tal-pjanti lill-uffiċċju ta' l-eżami rilevanti.

— Il-materjal tal-pjanti fornut għandu jkun viżibbilment b'saħħtu, ma jonqsux il-vitalità jew ibati minn parassita jew marda importanti.